MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 276/2008

**A B**

**-vs-**

**C D;**
**F G;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**Dr. Martin Fenech u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici, li b'digriet tas-26 ta' Novembru 2008, gew nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dr. Reuben Debono datat 24 ta' Settembru 2007, l-attrici rikorrenti u l-

konvenut intimat C D, ottjenew is-separazzjoni personali minn xulxin;

Illi mill-ghaqda bejn l-attrici rikorrenti u l-konvenut intimat F G twieldet tarbija, il-minuri E D, li twieldet fid-19 ta' Mejju 2008;

Illi l-imsemmija tarbija giet registrata b'kunjom il-konvenut intimat D meta hu m'huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-missier naturali tat-tarbija huwa effettivament il-konvenut intimat F G, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk jehtieg illi ssir id-debita korrezzjoni fl-att civili tal-minuri, liema certifikat ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 1717/2008, u dan fis-sens illi jitnehhew id-dettalji tal-konvenut intimat D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, u jigu inseriti dawk tal-konvenut intimat G.

Ghaldaqstant, l-attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-minuri E D mhux il-wild naturali tal-konvenut intimat C D.

Tiddikjara illi l-imsemmi minuri E D huwa l-wild naturali tal-konvenut intimat F G.

Tordna lill-konvenut intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-Certifikat tat-Twelid tat-tarbija msemmija, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1717 tas-sena 2008, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem C D, il-professjoni jew sengha tal-istess konvenut intimat, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-istess konvenut intimat kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut u jekk huwiex haj jew mejjet, u tawtorizza u tordna illi minflok jigu inseriti d-dettalji kollha tal-konvenut intimat F G, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel

u t-tieni talba, u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali u cioe' tal-intimat F G sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, jehtieg li l-kunjom tat-tarbija jigi korrett u l-kliem '*the said*' taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm ghandhom jigu kancellati.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li permezz taghha eccepixxa:

Illi huwa mhux il-missier biologiku tal-minuri bl-isem E D.

Illi huwa zzewweg lill-attrici fit-13 ta' April 2002 u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Illi huwa ssepara minn mal-attrici ai termini tal-Kuntratt tas-Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono fl-24 ta' Settembru 2007, pero' kien ilhom separati de facto minn April 2006.

Illi l-minuri twieled mir-relazzjoni li l-attrici ghandha mal-boyfriend taghha F G.

Illi huwa gie infurmat illi l-minuri twieled fid-19 ta' Mejju 2008.

Illi ghaldaqstant, fid-dettalji tal-kolonna tal-missier, gew imnizzla d-dettalji tieghu u mhux dak tal-missier biologiku.

Illi m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-konvenut C D mhux il-missier biologiku tal-minuri.

Illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici u l-konvenut F G.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi tal-minuri E D.

Rat ir-rapport tal-ezamijiet xjentifici esegwiti tal-ispizjara Dr. Marisa Cassar minnha konfermat bil-gurament fit-3 ta' Gunju 2010.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'din il-kawza rnexxielu jipprova minghajr dubbju illi dak li jallega huwa minnu.

Jirrizulta pruvat, partikolarment mir-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici illi l-missier naturali tal-minuri huwa F G.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid Nru. 1717 tas-sena 2008 fil-kolonna bit-taghrif dwar il-missier tat-tarbija jithassru l-konnotati ta' C D u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' F G, Nru. tal-Karta tal-Identita' 18308(M) imwieled Pieta', Malta u residenti Hal Tarxien, Malta, tal-eta' ta' 26 sena, iben H G, haj. Mill-kolonna bit-taghrif dwar l-omm jithassru l-kliem "the said".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------